MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 58/1999/1

**Avv. Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited, Triq l-Imsida, Gzira, u dan in rapprezentanza tal-kumpanija estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc. kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Norman Meli**

**vs**

**George Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Novembru, 2003 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur nomine talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas is-somma totali ta' hames mija u erbgha u sebghin

lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm574.54), rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tas-sittax ta' Dicembru 1998, fil-limiti tal-Marsa, Malta, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, Hilman Avenger, numru ta' registrazzoni KAV 016, u l-karrozza Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni CAC 014 misjuqa minn Norman Meli u proprjeta' tal-assikurat tal-attur nomine, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-ewwel ta' Marzu, 1999, u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali kontra tieghu . Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-jedd u fil-fatt u dan peress illi l-incident msemmi fl-avviz gara unikament minhabba htija da partitas-sewwieq tal-vettura DAC 014 li naqas li jzomm a proper look out u saq b'negligenza u bi speed esagerat .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta incident awtomobilistiku li sehh fil-*bypass* tal-Marsa, bejn karozza misjuqa minn Norman Meli, li kien assikurat ma' l-agenzija tad-ditta assikuratrici msemmija fl-Avviz u rapprezentata f'dawn l-atti mill-attur nomine u karozza ohra misjuqa mill-konvenut . L-attur nomine qed jitlob il-hlas ta' l-ammont indikat fl-istess Avviz bhala kumpens ghad-danni kagunati fil-vettura ta' l-imsemmi Norman Meli per konsegwenza ta' dik il-kollizzjoni . Huwa qed isostni li l-incident gara minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti

da parti tal-konvenut . Dan minn naha l-ohra jikkontendi illi l-incident gara unikament minhabba htija da parti ta' Meli li naqas li jzomm *a proper lookout* u saq b'negligenza u bi *speed* esagerat .

Dan l-incident sehh bejn zewg vetturi li kienu ghaddejjin mill-*bypass* imsemmija, t-tnejn gejjin minn naha tal-Hamrun u sejrin fid-direzzjoni tal-Marsa . Dan il-*bypass* fih zewg karreggjati f'kull direzzjoni[1] . Pero' bejn il-partijiet involuti fl-incident in kwistjoni hemm divergenza dwar kif sehh l-incident .

Norman Meli jsostni li z-zewg vetturi kienu mexjin bejn wiehed u iehor ras-imb-ras bil-vetttura tieghu fil-karreggjata ta' gewwa u l-konvenut fuq il-lemin tieghu . Huwa jallega li hin minnhom il-konvenut ipprova jigi quddiemu sabiex jidhol fit-triq sekondarja fuq in-naha tax-xellug li taghti ghal Triq Dicembru XIII u sehhet il-habta .

Il-konvenut minn naha l-ohra jinsisti li hu kien ghaddej ukoll fuq il-*lane* tax-xellug tat-triq b'Meli warajh . L-intenzjoni tieghu kienet tassew li jikser lejn it-triq sekondarja msemmija biex imur il-Belt . Ghalhekk xeghel l-*indicator* (dan proprjament qalitu t-tfajla li kellu riekba fuq in-naha ta' wara tal-karozza) u beda jdur bil-mod lejn din it-triq . Fil-frattemp minghajr ma l-konvenut induna bih, peress illi hemmhekk it-triq titwessa fuq ix-xellug, Meli pprova jissorpassah minn gewwa, bil-konsegwenza li l-vettura tieghu kienet ser tintrass mal-hajt hu ghafas il-brakes . Il-konvenut kif sema' dawn il-brakes u biex jevita l-incident kiser ghad-dritt biex ihalli aktar spazju ghal Meli . Imma dan, minhabba li *speed* li kien ghaddej bih xorta wahda laqat il-karozza tieghu .

Mill-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident stradali jirrizulta illi lis-surgent li nvestiga l-kaz il-partijiet *a tempo vergine* tawh is-segwenti verzjonijiet :

1. Is-sewwieq tal-vettura CAC 014, u cioe' Norman Meli qallu illi :

[1] Ara skizz relattiv esebit bhala dok. CC. 3. a fol. 31 tal-process

"*He was driving along Marsa By Pass coming from Hamrun By Pass . He was on the inner lane . The other car was on his right on the outer lane . All of a sudden and w/o any warning (indicators) car no. KAV 016 crossed over to his side . He braked but still collided with KAV 016*."

2. Is-sewwieq tal-vettura KAV 016, u cioe' dik misjuqa mill-konvenut, qallu illi :

"(*He was) driving along Marsa By Pass, coming from the direction of Hamrun By Pass . He was on the inner lane . (The) other car (came) from behind him, from on his left . He switched his left hand side indicator to turn left towards 13th Dec. Rd. and the other car dashed into his car*[2] *.*

Fuq l-istess okkorrenza jinghad illi bhala hsarat, il-vetturi kellhom rispettivament :

"Car No. CAC 014: Front Right mudguard and bumper ;

Car No. KAV 016: Left rear door and wheel arch" .

Il-hsarat fiz-zewg vetturi gew deksritti bhala "Slight"[3] .

Mill-iskizz redatt mis-surgent jidher illi l-karozza CAC 014 halliet sett ta' *brakemarks* ta' 10.5 metri li jibdew min-nofs tal-karreggjata ta' gewwa tal-Marsa Bypass ghal min ikun sejjer lejn Marsa Crossroads u jibqghu sejrin taht l-istess karozza li kienet kemm kemm qabdet it-triq sekondarja fuq ix-xellug . Il-karozza l-ohra KAV 016 tidher fil-gemb tax-xellug ta' l-istess *lane* ta' gewwa lil hinn minn fejn hemm ilsien li jifred din it-triq sekondarja mill-bqija tal-*bypass* . *Spot of impact* ma rrizultax[4] .

Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, l-partijiet sostanzjalment irrepetew dawn il-verzjonijiet taghhom . L-unici xhieda okulari, u cioe' l-mara ta' Norman Meli u t-

---

[2] ara okkorrenza relattiva Dok. CC 2 a fol. 29
[3] a fol. 29
[4] a fol. 31

tfajla li kienet riekba fil-karozza tal-konvenut, ftit li xejn setghu jzidu nformazzjoni rileventi .

Wara li qieset il-provi kollha migjuba ghall-konsiderazzjoni taghha, il-Qorti hija tal-fehma illi l-verzjoni ta' Norman Meli hija aktar verosimili u x'aktarx tirrispekkja dak li attwalment wassal ghall-kollizzjoni mertu ta' din il-kawza . M'hemm l-ebda raguni ghaliex ghandu jigi emmnut il-konvenut li Meli pprova jissoprassah minn naha ta' gewwa u jaghmel manuvra daqstant perikoluza fi triq ewlenija u daqshekk traffikuza l-hinijet kollha tal-gurnata, ezattament kif huwa beda jikser minn quddiem il-karozza ta' Meli lejn ix-xellug biex jidhol fit-triq skondarja . Il-*brakemarks* imhollija mill-karozza ta' Meli juru illi huwa kien ghaddej regolarment fuq il-lane tieghu sakemm ma bediex japplika l-*brakes,* u ghamel hekk f'daqqa ghax imbaghad xi haga invadietlu l-karreggjata tieghu . L-istess tul ta' brakemarks jindikaw illi huwa lanqas ma kien ghaddej b'xi velocita' mhux konsentita fl-inhawi . Infatti skond it-tabella annessa mal-Highway Code jidher illi kellu velocita' ta' madwar 40 k.f.s. . Anke n-natura tad-daqqiet turi illi ma setghax kien hemm xi velocita' qawwija da parti ta' Meli .

Jidher ghalhekk illi kien il-konvenut li b'imprudenza u minghajr ma zamm *a proper lookout* ta' x'karozzi setghu kienu ghaddejjin warajh jew ma gembu, qabad u kiser ghax-xellug tieghu biex jidhol fil-*lane* ta' gewwa halli jkun possibbli ghalieh li jaqbad it-triq sekondarja fil-gemb tat-triq, u b'din il-manuvra ostakola l-karreggjata ta' l-assikurat ta' l-attur nomine li, minkejja l-isforzi tieghu biex jipprova jevita l-habta ma rnexxielux . Ma jiswa xejn illi huwa xeghel l-*indicators*, jekk tassew ghamel hekk, qabel beda jikser ghax-xellug tieghu, ghax kif tajjeb intqal mill-Qrati taghna :
"*M'huwiex bizzejjed li tixghel l-indicator . Dana m'huwiex xi brevett ta' immunita' . Imma kellu jassikura ruhu li l-mesagg jasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq u li fehmu l-messagg tieghu . Dana jaghmlu billi jhares fil-mirja ta' barra kif ukoll dawk tan-nofs u ma jkomplix bil-manuvra*

*tieghu qabel ma jaccerta ruhu li dan jista' jaghmlu minghajr perikolu ghal haddiehor*." [5]

Jirrizulta ghalhekk illi Norman Meli ma kien bl-ebda mod traskurat fis-sewqan tieghu u li dan l-incident gara biss konsegwenza tal-imprudenza u negligenza da parti tal-konvenut .

Pero' x'hin il-Qorti giet biex tara jekk l-attur nomine hux gustifikat jirreklama s-somma indikata fl-Avviz in linea ta' danni, ma setghet issib xejn fil-process tal-kawza dwar l-ispejjez involuti sabiex tissewwa l-vettura ta' l-assikurat ta' l-attur nomine . Ma gew esebiti ebda kontijiet jew *invoices* dwar dawn id-danni u lanqas gew ikkonfermati xi ammonti li verament thallsu sabiex isiru r-riparazzjonjiet mehtiega . Lanqas ma setghet issib ebda verbal fejn il-partijiet ikunu ftehmu illi s-sentenza ghandha tkun limitata ghar-responsabilita', kif soltu jigri meta ma jkunux dahlu fil-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, tiddikjara illi ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza jahti unikament il-konvenut. Madankollu billi l-attur nomine ma gab l-ebda prova dwar l-ispejjez li ntefqu sabiex issewwiet il-karozza ta' l-assikurat tieghu, ma tistghax tilqa' t-talba ghall-hlas tad-danni .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti."

Appella minn din is-sentenza l-attur nomine bl-aggravju konsistenti fil-kritika illi l-ewwel Qorti ezorbitat mill-parametri tal-kawza meta ddecidiet li ma tistax tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas tad-danni. Fir-rigward ta' dan l-istess aggravju l-appellant nomine javvanza dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Gjaladarba l-konvenut ma kkontestax il-quantum tad-danni b'eccezzjoni debita l-Qorti ta' l-ewwel grad ma kellhiex tissolleva l-eccezzjoni hi u tiddeciedi dwarha.

---

[5] Qorti tal-Magistrti (Ghawdex) Superjuri: Emanuel Galea et v. Paul Galea: 4.11.1997

2. Jekk l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tinvestiga l-quantum tad-danni hi messha, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni mill-kontroparti, takkordalu l-opportunita` li jressaq il-provi dwar dan il-punt.

Il-konvenut minn naha tieghu jikkontrastalu s-sottomissjonijiet fuq maghmula u jwiegeb b'dan il-mod:-

1. L-attur appellant kellu jipprova hu l-kaz tieghu ghall-konvinciment tal-Qorti. Dan kif hekk rikjest mill-Artikoli 562 u 559 tal-Kap 12.

2. Fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, anke jekk mhux permezz ta' eccezzjoni 'ad hoc', hu kien issolleva l-kwesjtoni fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu illi l-attur nomine ma kienx ressaq provi relattivi ghad-danni mitluba.

Jibda biex jigi rilevat illi kif akkolt fis-sentenzi fl-ismijiet "**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965 u "**Regina Cacciottolo -vs- Francis Cacciottolo**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976, "il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva 'ex officio'".

Huwa proprju dan il-punt li donnu jrid jaghmel l-appellant nomine fejn jikkritika lill-ewwel Qorti li din straripat l-argini tal-kontestazzjoni u rrizolviet il-kwestjoni tal-kwantum tad-danni b'gudizzju negattiv ghalih meta l-ebda eccezzjoni fir-rigward ma tqajjment mill-parti avversa.

Issa apparti l-fatt li kif sewwa ntqal mill-konvenut, proprju in coda ghan-Nota tal-Osservazzjonijiet, huwa attira l-attenzjoni ghall-fatt illi l-attur ma pprovax il-hsarat u ma gabx l-ahjar prova dwar id-danni, ghandu jigi osservat illi

skond regola tradizzjonalment pacifika, kodifikata anke fost in-normi procedurali taghna "Fuq il-Provi" fit-Tielet Ktieb, Titolu 1, tal-Kap 12, illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (Art 562). Din ir-regola tesprimi l-esigenza li tghabbi fuq il-parti li jallega fatt ghalih favorevoli d-dover li jaghti prova tal-ezistenza tal-istess fatt. Din hi esigenza bil-wisq logika li l-ebda pretendent ta' dritt ma jista' jissottragga ruhu ghaliha fir-realta` processwali ghall-konvinciment tal-gudikant.

Huwa deducibbli minn dan illi biex isostni d-dritt tieghu fil-gudizzju l-attur htieglu jipprova l-fatt li jikkostitwixxi l-fondament tieghu. Fit-termini tal-kaz partikolari konsistenti minn pretiza ghar-rizarciment tad-danni naxxenti minn incident stradali l-appellanti kellu b'obbligu jiddemostra bi provi attendibbli l-fatti kostituttivi tal-azzjoni minnu proposta, jigifieri:

(i) il-prova tal-htija fil-konvenut ghall-akkadut;

(ii) il-prova tad-danni.

Ragonevolment l-"actori incumbit probatio" tapplika fiz-zewg kazijiet u timponi b'oneru li l-attur jimpenja ruhu li jgib il-provi biex jissostanzja l-bazi tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tieghu u mhux jistenna li din issir bl-inizzjattiva tal-gudikant. L-istess kwalifika tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" jaghti wiehed x'jifhem illi l-inadempiment tal-prova titraduci ruhha fi zvantagg ghall-parti li fuqha din l-istess prova hi gravata. Ir-raguni ghal din is-sitwazzjoni hi r-rizultat tal-osservazzjoni ovvja li d-dizimpenn tal-piz tal-prova halla l-fatt allegat fi stat ta' incertezza. Li jfisser allura, b'konsegwenza, illi l-gudizzju tal-Qorti ma jistax hlief jikkonsidra inezistenti l-fatt li baqa' incert in kwantu mhux provat.

Certament l-accertament tal-kolpa u tal-event dannuz ma jezonerax lill-attur appellant milli jgib provi sodisfacenti dwar il-konsistenza u l-kwantum tad-danni. In-nuqqas ta' eccezzjoni mill-kontroparti ma tiggjovax dan l-obbligu tieghu li jsostni proprju l-fondament tat-talba tieghu tal-hlas tas-somma tad-danni minnu allegatament sofferti.

Talba din li mill-istess att ta' l-Avviz tiffigura bhala wahda principali u mhux merament sekondarja jew sussidjarja. Tali prova allura kienet hekk imperattiva li ssir anke kieku l-konvenut baqa' kontumaci inkwantu, kif saput, "ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfisserx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghalhekk ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut" (**Kollez Vol XXIX pIII p35**).

Il-gustifikazzjoni tat-talba mill-Qorti ma tistax issir billi l-Qorti tikkuntenta ruhha mir-raguni tan-nuqqas ta' eccezzjoni ossija tal-kontestazzjoni tad-danni. Hi kellha tissodisfa ruhha biss bi prova certa. Prova li ma setghetx tigi raggunta la bl-inerzja u lanqas bl-inadempjenza izda biss fil-konkret tal-istabilizzar tat-telf effettiv fl-ambitu tal-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

Lanqas ma seta' jigi pretiz illi l-Qorti kellha tiggwida lil parti biex iggib il-prova jew l-ahjar prova li din setghet iggib qabel il-pronunzjament tad-decizjoni. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "**Kristinu Grech –vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju 1998, "din il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni ta' l-attur appellant li l-artikolu 559 tal-Kap 12 kellu jigi nterpretat fis-sens illi jekk il-Qorti kellha xi dubju dwar element ta' prova, hi kellha tordna <u>li ssir il-prova li riedet</u> (sottolinear tal-Qorti). Il-principju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeciedi "iuxta allegata et probata", ghalkemm ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-prova li hi jidhrilha li tkun mehtiega biex ahjar tapprezza l-fatti in kawza. Dan ma jfisserx li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi. L-artikolu 559 tal-Kap 12 ifisser biss li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar provi u li kellha dritt tesigi li tingieb dejjem l-ahjar prova".

Dan premess, din il-Qorti taghlaq b'din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Novembru 2000 fis-sentenza fl-ismijiet "**Innocent Spiteri –vs- Jimmy Vella**" li wkoll, incidentalment, kienet titratta minn talba ghar-rizarciment tad-danni f'incident awtomobilistiku:

"L-appellant qieghed jitlob ir-rimedju eccezzjonali u cioe` li din il-Qorti taghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu li jgib il-provi dwar l-entita` tad-danni meta proceduralment kien obbligat illi jgibhom. Dana din il-Qorti mhux biss ma jidrilhiex li tista' taghmlu, izda anqas hi pronta li taghmlu anke il-ghaliex ma gew dedotti ebda ragunijiet serji jew validi bizzejjed f'din l-istanza biex jiggustifikaw tali talba."

Din l-istess fehma hi kondiviza mill-Qorti anke fil-kaz prezenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza ghandhom jitbatew mill-attur appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------